# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' nhar it-30 ta' Marzu 2023**

**Rikors Nru : 543/2022 JPG**

**Kawza Nru : 23**

**GC**

**Vs**

**GG**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ta' GC data 12 ta' Ottubru 2022 a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*Illi l-esponenti u l-intimat GG zzewgu nhar il-erbgha u ghoxrin (24) ta' Gunju tas-sena elfejn u tmintax (2018), u z-zwieg taghhom gie registrat fir-Registru Pubbliku bic-certifikat taz-zwieg numru 784/2018 (DOK A);*

*Illi minn dan iz-zwieg m'hemm ebda tfal u l-partijiet ilhom jghixu mifrudin mis-sena elfejn u dsatax (2019) u sseparaw legalment b'kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Carmel Gafa nhar it-tlieta u ghoxrin (23) ta' Dicembru tas-sena elfejn u dsatax (2019) (DOK B);*

*Ili l-esponenti u GG huma finanzjarjament indipendenti minn xulxin u ghandhom il-mezzi biex jipprovdu ghalihom infushom u ghalhekk hadd minnhom ma jippretendi ebda hlas ta' manteniment minghand l-iehor, la ghaz-zmien li ghadda u lanqas ghall-*

*futur. Effettivament bil-kuntratt tas-separazzjoni msemmi, il-partijiet irrinunzjaw ghad-dritt li jitolbu jew jircievu manteniment minghand xulxin, (ara Klawsola numru 5 tal-kuntratt ta' separazzjoni anness Dokument B);*

*Illi ma hemm ebda prospettiva ta' rikonciljazzjoni bejn il-kontendenti;*

*Illi ghalhekk jezistu l-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghad-divorzju bejn il-partijiet ai termini tal-artikolu 66B tal-Kodici Civili.*

*Ghaldaqstant, l-esponenti jitolbu bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

1. *Tordna l-hall taz-zwieg bejn il-kontendenti registrat bl-Att taz-Zwieg imsemmi numru 784/2018;*
2. *Tordna lir-Registratur tal-Qorti javza b'dan kollu lid-Direttur tar-Registru Pubbliku, li ghandu jipprocedi ghar-registrazzjoni tal-istess.*

Rat illi r-rikors promotur, l-atti esebiti u d-digriet ta' din il-Qorti gew notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta' GG, datata 2 ta' Marzu 2023, a fol 18 li taqra hekk:

1. *Illi l-esponenti qieghed jirrimetti ghad-decizjoni ta' din l-Onorabbli Qorti, stante illi huwa jaqbel mal-fatti hekk kif eccepiti mir-rikorrenti u m'ghandux oggezzjoni illi jigi ppronunzjat id-divorzju bejniethom stante illi;*

2. *Ilhom aktar minn erba' (4) snin de facto separati u cioe aktar mit-terminu impost mil-ligi.*

3. *Illi m'hemm l-ebda manteniment dovut bejn il-partijiet;*

4. *Illi huma legalment separati*

5. *Illi m'ghandhomx assi in komuni u llum jghixu hajja separata minn xulxin.*

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**L-attrici xehedet** (vide affidavit fol 5) illi l-partijiet izzewgu nhar l-24 ta' Gunju 2018 u minn dan iz-zwieg ma kienx hemm tfal. Sostniet illi huma sseparaw permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr Carmel Gafa nhar it-23 ta' Dicembru 2019. Xehdet illi ma hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni u lanqas ma hemm ebda manteniment dovut bejn il-partijiet.

**L-intimat xehed** (vide affidavit fol 21) u kkonferma u kkorrabora max-xhieda tal-attrici.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***
>
> ***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor,***

***fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***

***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***

***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar l-24 ta' Gunju 2018, liema zwieg jgib certifikat numru 1726/2018 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 6). Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' separazzjoni konsenswali fl-atti tan-Nutar Dr Carmel Gafa datat 23 ta' Dicembru 2019 (Vide kuntratt ta' separazzjoni fol 7 et seqq.). Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom legalment isseparati ghal terminu ta'

zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Il-partijiet affermaw illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 1726/2018 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**